# Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet

## Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta ta' nhar l-Erbgha sbatax (17) ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 28/12 FDP**

**Salvatore sive Salvino Testaferrata Moroni Viani (ID 693930M)**
**Peter Paul Testaferrata Moroni Viani (ID 562660M)**
**Paul Stephen Testaferrata Moroni Viani (ID 541365M)**
**Caroline Zammit Testaferrata Moroni Viani (ID 515258M)**
**Jane Testaferrata Moroni Viani (ID 133133M)**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Art**

Il-Bord:-

Ra ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti fit 30 ta' Ottubru 2012 fejn ippremettew illi, permezz ta' Avviz Nru 725 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Lulju 2012, bicca art gewwa Ta' Xbiex tal-kejl ta' madwar 3,789 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Lvant ma' triq pubblika u mill-Punent ma' propjeta ta' Salvino Testaferrata Moroni Viani kienet giet akkwistata mill-awtorita' kompetenti ghall-pussess u l-uzu u dana ghal perjodu ta' tmienja u ghoxrin xahar mill-pubblikazzjoni tal-Avviz, ossija il-5 ta' Lulju 2012.

Ir-rikorrenti, illi ghandhom sehem ta' 6/8 indiviz ta' dina l-propjeta, gew notifikati b'Ittra Ufficjali datata 19 ta' Ottubru 2012 mibghuta lilhom u lill tlett persuni ohra hemm indikati, lkoll ko-propretarji flimkien tal-kwota indiviza ta' 7/8 tal-propjeta', fejn gew mgharrfa illi l-kumpens offrut bhala kera tal-akkwist ghall-periodu ta' tmienja u ghoxrn xahar kien ta' €79,274, illi kien fil-porzjon ta' 7/8 tal-kera ta' akkwist kollha stabbilita fl-istima tal-Perit John Schembri fl-ammont ta' €90,600 ghall porzjon ta' l-art kollha, kif fuq deskritta.

Ir-rikorrenti, li, kif gia spjegat, ghandhom sehem ta' 6/8 tal-propjeta, u ghalhekk is-sehem taghhom ta' tali kumpens kien fil-valur ta' €67,950, sahqu illi ma kienux qed jaccettaw tali offerta peress illi kienu qed jitolbu kumpens annwu ta' €141,525 bbazata fuq rata ta' €50 kull metru kwadru, kif stmat mill-Perit Godwin Abela li ghamel stima globali ghall-porzjoni ta' art in intjier fl-ammont ta' €188,700.

Kien ghalhekk illi ir-rikorrenti bdew il-proceduri odjerni sabiex l-Bord jiffissa l-kumpens gust ghal kwota taghhom ta' 6/8 indivizi.

Ra l-Ittra Ufficjali ta' l-intimat datata 19 ta' Ottubru 2012 (fol 3), l-Avviz Nru 725 ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil 5 ta' Lulju 2012 (fol 6) u l-istima tal-Perit Godwin Abela, perit tas-socjeta rikorrenti (fol 10).

Ra illi l-intimat, fid-19 ta' Ottubru 2012, ippresenta l-eccezzjonjiet tieghu fejn sahaq illi l-kumpens offert kien wiehed gust ghall-uzu ta' l-art b'titolu ta' pussess u uzu ghal periodu ta' tmienja u ghoxrin xahar u ghalhekk kien jimmerita illi jigi kkonfermat.

Ra ix-xhieda tal-**Perit Godwin Abela** moghtija fis 17 ta' April 2013.

Ra illi fis 17 ta' April 2013 il-Bord appunta lill-Periti Alan Saliba u Danica Mifsud sabiex jassistuh.

Ra illi fis 17 ta' April 2013 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Ra illi fid 9 ta' Ottubru 2013 l-intimat ippresenta Kopja tad-Dikjarazzjoni tal-President, kopja tal-Gazzetta tal-Gvern, kopja tal-Ittra Ufficjali datata 19 ta' Ottubru 2012 u l-affidavit tal-**Perit Stefan Scotto** flimkien ma' pjanti tal-Pjan Lokali.

Ra illi fid-9 ta' Ottubru 2013 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta u ghalhekk il-Bord stieden lill Membri Teknici sabiex jghaddu biex jirrelataw.

Ra ir-relazzjoni tal-Periti Danica Mifsud u Alan Saliba ppresentat fit 28 ta' Ottubru 2013.

Ra id-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti illi gew ippresentati fl-14 ta' Frar 2014.

Ra ir-risposti tal-Membri Teknici ghad-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti.

Ra illi fl-14 ta' Jannar 2015 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra illi fil-15 ta' Lulju 2015, wara illi l-Bord kif kompost ha konjizzjoni tal-process, wara illi l-partijiet awtorizzawh jghaddi ghas-sentenza fuq il-provi ili hemm, iddifferixxa l-kawza odjerna ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi permezz ta' Avviz Nru 725 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-**5 ta' Lulju 2012**, bicca art gewwa Ta' Xbiex tal-kejl ta' madwar 3,789 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Lvant ma' triq pubblika u mill-Punent ma' propjeta ta' Salvino Testaferrata Moroni Viani kienet giet akkwistata mill-awtorita' kompetenti ghall-pussess u l-uzu u dana ghal perjodu ta' tmienja u ghoxrin xahar mill-pubblikazzjoni tal-Avviz, ossija il-5 ta' Lulju 2012.

Jirrizulta illi r-rikorrenti huma sidien ta' 6/8 indiviz ta' tali art.

Jirrizulta illi Ir-rikorrenti, flimkien ma terzi illi, lkoll flimkien huma sidien ta' 7/8 tal-art, gew notifikati b'Ittra Ufficjali datata 19 ta' Ottubru 2012 fejn gew mgharrfa illi l-kumpens offrut bhala kera tal-akkwist ghall-periodu ta' tmienja u ghoxrn xahar ghas-sehem ta' 7/8 tal-propjeta kien ta'

€79,274 fis-sena, liema valur gie stabbilit abbazi ta'istima tal-Perit John Schembri ghall porzjon ta' l-art kollha fl-ammont ta' €90,600 fis-sena.

Jirrizulta illi fit-terminu tal-wiehed u ghoxrin gurnata provdut mill-Ligi, ir-rikorrenti niedew il-proceduri odjerni fejn ikkontestaw il-valutazzjoni moghtija mill-intimat u sahqet illi l-kumpens gust ghas-sehem taghhom ta' 6/8 tal-propjeta, kellu jkun ta' €141,525 annwalment bbazata fuq rata ta' €50 kull metru kwadru, kif stmat mill-Perit Godwin Abela li ghamel stima globali ghall-porzjoni ta' art in intjier fl-ammont ta' €188,700 fis-sena.

Jirrizulta illi l-Periti Alan Saliba u Danica Mifsud, li kienu qed jassistu l-Bord u ghamlu access fit-30 ta' Settembru 2013 u ghaddew biex ippresentaw ir-rapport taghhom fit-28 ta' Ottubru 2013.

Jirrizulta illi l-Periti Membri ghamlu s-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Kif jirrizulta mill-atti, ir-rikorrenti, qua kompropretarji fis-sehem ta sitta minn tmienja (6/8), gew notifikati mill-intimat b'Att Gudizzjarju fit- 30 ta' Ottubru 2012 illi bhala kera tal-akkwist ghall periodu ta' tmiena u ghoxrin (28) xahar fuq porzjon art fil-limiti ta' Ta' Xbiex tal-kejl ta' cirka 3,789 metri kwadri immarkata G fuq il-pjanta PD 2011_209 kif deskritta fid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, Avviz Nru 725 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Lulju 2012, l-intimat kien qed joffri kumpens ta' disghin elf u sitt mitt Euro (€90,600) ghall-intiet ekwivalenti ghal valur lokatizju annwali ta' ghaxar Euro u hamsa u ghoxrin centezmu kull metru kwadru (€10.25/mk) skond stima tal-Perit John Scembri li kklassifika l-propjeta bhala fabrikabbli.*
>
> *Ir-rikorrenti iddikjaraw li huma mhux qed jaccettaw dan il-kumpens offrut u minflok talbu s-somma ta' erba mija u erbghin elf u tlett mitt euro (€440,300) [€188,700/12 x 28 = €440,300) ghall-intjier skond stima ta' Perit Godwin Abela, ibbazata fuq ir-rata annwali ghal 'storage yards' ta' hamsin Euro kull metru kwadru (€50/mk) jew 4.25% fuq il-valur tal-art bir-rata ta' 1,176.80/metru kwadru. Perit Godwin Abela jirrelata wkoll illi l-kejl tal-art huwa propjament 3,774 metri kwadri billi l-pjanta annessa mad-Dikjarazzjoni Presidenzjali tindika kejl regolati ta' 51 metru wisgha b'74 metru tul. Madanakollu, f'dan ir-rigward l-esponenti qed jikkunsidraw il-kejl ta' 3,789 metri kwadri fid-Dikjarazzjoni Presidenzjali, billi l-kejl tal-wisgha u t-tul fuq l-imsemmija pjanta jidhru li huma ndikati lejn l-eqreb metru u mhux bid-decimali (cioe mhux 51.0m x 74.0 m)*
>
> *Il-propjeta fil-kwistjoni thares fuq il-Port ta' Marsamxett u tikkonfina mill-Lvant mar-Rampa ta' Ta Xbiex li tmiss u hija elevata minn Triq Xatt ta' Ta' Xbiex, minn naha tat-Tramuntana minn Triq Pietru Pawl Debono u min-naha tan-Nofsinhar minn Triq Mons Alfred Mifsud. L-art tinsab imdawwra b'hajt u qed tintuza bhala biha ghall-hazna tal-materjal u ingenji tal-kostruzzjoni.*
>
> *Huwa pacifiku illi l-art fil-kwistjoni tikkwalifika bhala **art fabrikabbli** billi skond in-North Harbours Local Plan mahrug mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar 9MEPA) fl-2006, din il-propjeta' tinsab f'zona identifikata bhala residential Proprity Area NHHO 02 (Detached and Semi-Detached Dwellings) b'height limitation ta' zewgt sulari u semi basement.*
>
> *L-esponenti Membri Teknici jaqblu mal-asserzjonijiet tar-rikorrenti illi l-art de quo ghandha valur sostanzjali minhabba l-lok u n-natura taghha u kif ukoll l-valur lokatizju tal-istess art huwa relatat mal-istess valur. Madanakollu, l-esponenti jikkunsidraw illi fil-kaz in ezami m'ghandux jittiehed qies, ai fini ta' kumpens lokatizju, tal-valur tal-art*

*bil-potenzjal taghha ta' zvilupp f'villa, billi l-art ma gietx mikrija ghal tali skop, izda giet mikrija biss ai fini ta' pussess u uzu ghall-hazna ta' materjal u ngenji tal-kostruzzjoni ghall-perjodu msemmi ta' tmienja u ghoxrin (28) xahar. Ghalhekk, fir-rigward l-esponenti qed jikkunsidraw r-rata ta' erbgha punt tnejn hamsa fil-mija (4.25%) fuq il-valur tal-art ghall-uzu msemmi bir-rata ta' hames mitt Euro kull metru kwadru (€500/mk).*

*L-esponenti Membri Teknici ikkunsidraw dan kollu, il-lokalita u kif ukoll id-disposizzjonijet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88) u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-valur lokatizju gust li din il-propjeta kienet iggib fis-suq kieku giet mikrija minn sidha volontarjament ghall-uzu msemmi matul il-periodu ta' tmienja u ghoxrin (28) xahar mill 5 ta' Lulju 2012 jammonta ghal mija u sebgha u tmenin elf, tmien mija u wiehed u sebghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€187,871.25) [(4.25% x €500 x 3,789 mk) = €80,516.25/12 = €6,709.69 x 28 = 187,871.25], ekwivalenti ghal valur lokatizju annwali ta' wiehed u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu kull metru kwadru (€21.25/mk) u ghalhekk sehem ir-rikorrenti (6/8) huwa l-ammont ta'* **mija u erbghin elf, disgha mija u tlett Euro u erbgha u erbghin centezmu (€140,903.44)**.

Jirrizulta illi, fuq domandi in eskussjoni, il-Periti Membri komplew jikkonfermaw il-valutazzjoni illi kienu ghamlu, liema kumpens kellu jitqies li jkopri il-periodu intjier ta' 28 xahar u mhux ghal tnax-il xahar.

Dana il-Bord, wara illi ezamina fir-reqqa ir-rapport tal-abbli Esperti Teknici tieghu flimkien ma' l-ispjegazzjoni addizzjonali taghhom u d-dokumentazzjoni esebita, ma jara ebda raguni ghalhiex ma ghandhux iqies bhala tieghu l-konkluzjonijet ta' Esperti Teknici tal-Bord.

**Ikkunsidra**

Il-Bord, ghalhekk, jasal ghas-segwenti konkluzjonijet:

- L-art ghandha titqies bhala art **fabrikabbli**.
- Il-kumpens xieraq ghall-pussess u l-uzu ghall-periodu ta' tmienja u ghoxrin xahar ghandu jkun ta' **mija u erbghin elf, disgha mija u tlett Euro u erbgha u erbghin centezmu (€140,903.44) ghall-periodu intjier ta' 28 xahar**.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha prodotti quddiemu,

Jghaddi biex jaqta' u jiddeciedi dina l-vertenza billi

**Jilqa** t-talbiet tar-rikorrenti u

**Jiffissa** il-kumpens xieraq ghall-pussess u l-uzu ghall-periodu ta' tmienja u ghoxrin xahar ghandu jkun ta' **mija u erbghin elf, disgha mija u tlett Euro u erbgha u erbghin centezmu (€140,903.44), u dana ghall-periodu intjier ta' 28 xahar**.

L-imghax huwa kalkolabbli skond il-ligi.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont dovut mill-Kummissarju tal-Artijiet u dak hemm stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub bill-intimati Mallia u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur